**229. L-Onor. Joe Mizzi M.P. jipproponi :-**

L-Onorevoli Joe Mizzi filwaqt li jaghmel referenza għar-Ruling li ngħata fis-seduta 367 ta' l-20 ta' Marzu, 2006. Illi mingħajr preġudizzju għall-mertu iressaq is-segwenti oġġezzjonijiet:

A Illi ma kien hemm l-ebda sejħa biex ikun hemm dikjarazzjoni ta' Ksur ta' Privileġġ;

B Illi hija Prassi li kull meta jitressaq Ksur ta' Privileġġ għandha tiġi indikata l-klawsola taħt liema Standing Order dan il-ksur qiegħed jistrieħ;

l-Onorevoli Joe Mizzi filwaqt li qed iressaq l-oġġezzjonijiet hawn fuq indikati, jirriserva d-dritt illi jressaq dawk il-provi l-oħra kollha spettanti lilu skond il-Liġi fi stadju ulterjuri jekk ikun il-każ u dan ukoll skond il-proċeduri stabbiliti.

22.3.2006